**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-*JUNIOR LYCEUM* 2005**

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IT-TIENI SENA** **STUDJI SOĊJALI** **ĦIN: SIEGĦA U NOFS**

**Isem:** ______________________________ **Klassi:** ______________

**Taqsima A**

**Imla l-vojt b'dawn il-kliem.**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| ambjent soċjali | ambjent fiżiku | ambjent | ambjent kulturali | ambjent storbjuż |
| problemi ambjentali | riċiklaġġ | riżorsi naturali | riżerva naturali | iżvilupp |

1 Bil-kelma ______________________________ nifhmu sistema ta' relazzjonijiet bejn l-aspetti differenti tal-ħajja.

2 Malta tgawdi minn ______________________________ sinjur għaliex għandha l-istorja, il-lingwa u t-tradizzjonijiet tagħha.

3 L-______________________________ jgħin lill-individwi biex jinħolqu spazji fejn jirrikrejaw ruħhom.

4 Meta wieħed jgħix f'______________________________ dan ikun qed jiġi espost għal ħsara fiżika.

5 L-individwu jiżviluppa lilu nnifsu f'relazzjoni ma' l-oħrajn skond l-______________________________ li jkun fih.

6 Malta qed tħabbat wiċċha ma' bosta ______________________________ minħabba l-ammont kbir ta' tniġġis.

7 L-użu ta' materjal għal aktar minn darba jseħħ permezz tar-______________________________.

8 Ir-______________________________ rridu nibżgħu għalihom għax jekk neqirduhom inkunu l-kawża ta' ħsara li ma tissewwiex.

9 Ir-______________________________ huwa l-post fejn jiġu protetti speċi naturali.

10 L-______________________________ bla kontroll ukoll huwa ta' ħsara minħabba li jeqred u jkerrah l-ambjent naturali.

**Total 10 marki**

**Taqsima B**
**Qabbel il-lista A mal-lista B billi tagħmel numru fil-kaxxa tan-nofs.**

| | A | | B |
|---|---|---|---|
| 1 | Għajnuna reċiproka | | Twemmin u attitudnijiet dwar x'inhu tajjeb u x'inhu ħażin. |
| 2 | Interazzjoni soċjali | | Proċess ta' mġiba li jseħħ l-ewwel fil-familja. |
| 3 | Gruppi volontarji bħal | | Rabtiet li jikbru bejn il-membri tas-soċjetà. |
| 4 | Normi | | Wieħed jgħin lill-ieħor. |
| 5 | Valuri | | Modi ta' mġiba skond il-grupp soċjali. |
| 6 | Relazzjoni soċjali | | Membri ta' l-istess età jew sitwazzjoni fil-ħajja. |
| 7 | *Peer group* | | Dak li jagħmlek dak li int. |
| 8 | Proċess ta' soċjalizzazzjoni | | Hospice Movement, S.P.C.A. |
| 9 | Soċjalizzazzjoni primarja | | Meta nikkomunikaw, nikkoperaw, nagħmlu ħbiberija. |
| 10 | Karattru | | Proċess soċjali fejn nitgħallmu n-normi ta' mġiba u l-valuri. |

**Total 10 marki**

**Taqsima Ċ**
**Aqra din is-silta u wieġeb.**

Biex ngħixu flimkien ma' nies oħra fis-soċjetà, hemm bżonn ta' organizzazzjoni u ftehim. Din l-organizzazzjoni trid tidher fil-ħajja politika, ekonomika u edukattiva. Biex nikkomunikaw bejnietna trid isseħħ l-interazzjoni soċjali. Bħala membri tas-soċjetà rridu nitgħallmu nirrispettaw lil ta' madwarna. Għalhekk irridu nitħarġu fil-valuri, in-normi u l-imġiba tagħna ma' l-oħrajn.

**Wieġeb fl-ispazju provdut.**

1 Agħti tifsira tal-kelma 'soċjetà'.

______________________________

______________________________

______________________________

(3 marki)

2 Liema erba' fatturi huma importanti għas-soċjetà?

______________________________

______________________________

______________________________

(4 marki)

3 Spjega, billi tagħti eżempji, kif isseħħ l-interazzjoni soċjali bejn il-membri tas-soċjetà.

(3 marki)

4 Għaliex huwa daqshekk importanti li sseħħ l-interazzjoni soċjali?

(2 marki)

5 B'liema mezz nitgħallmu l-valuri, in-normi u l-imġiba tagħna ma' l-oħrajn?

(marka)

6 X'differenza tgħaddi bejn soċjalizzazzjoni 'primarja' u dik 'sekondarja'?

(4 marki)

7 Semmi tlieta min-nies li qed jinfluwenzawk fis-soċjalizzazzjoni tiegħek.

(3 marki)

**Total 20 marka**

**Taqsima D**

1 Xi tfisser meta ngħidu 'edukazzjoni informali'?

(2 marki)

2 Agħti 3 eżempji ta' kif tista' sseħħ l-edukazzjoni informali.

(3 marki)

3 X'rabta hemm bejn l-ambjent naturali u l-bniedem?

(3 marki)

4 X'tifhem bil-kelma 'demografija'?

(2 marki)

5 Malta għandha l-Kostituzzjoni tagħha. Għaliex huwa importanti li pajjiż ikollu Kostituzzjoni?

(3 marki)

6 Kif jista' individwu juri l-identità tiegħu?

(2 marki)

**Total 15-il marka**

**Taqsima E**
**Aqra dawn is-sitwazzjonijiet u wieġeb.**

1 Marija toqgħod f'villaġġ sabiħ fejn il-kampanja għadha mhix mittiefsa mit-tniġġis. Tħobb tmur timxi fil-passaġġi li jagħtu għall-għelieqi. Dan l-aħħar bdiet tinnota li membri ta' familja li għadhom kemm ġew joqogħdu fir-raħal dejjem tinzertahom jarmu l-imbarazz f'dawn il-passaġġi. Marija hija membru attiva fir-raħal. Tgħid x'tagħmel? Tavża lill-Kunsill Lokali jew tkellimhom hi stess? Kieku int x'tagħmel?

(5 marki)

2 Toni u Marija huma ħbieb ma' tfal neqsin mis-smiegħ. Jiftiehmu billi jużaw is-sinjali. Xi ħbieb oħra jidħku bihom. Toni u Marija jitilfu l-paċenzja u xi kultant jiġġieldu bl-idejn. Kieku int kif tipprova tfehemhom biex ma jitilfux il-paċenzja?

5 marki
**Total 10 marki**

**Taqsima F**
**<u>Agħżel WIEĦED minn dawn l-erba' suġġetti u ikteb 10 linji dwaru.</u>**

1 Il-Ġnus Magħquda.
2 Il-Kunsill ta' l-Ewropa.
3 Għaqda Ambjentali Maltija.
4 Il-Kultura Maltija u r-rabta tagħha mal-kultura Ewropea.

**10 marki**

**Taqsima Ġ**
**<u>Agħżel WIEĦED minn dawn it-tliet suġġetti u ikteb madwar 200 kelma dwaru fuq karta separata.</u>**

1 X'jista' jsir biex inħarsu l-ambjent tagħna.

2 Kif is-soċjalizzazzjoni tgħinna naċċettaw id-differenzi fl-imġiba.

3 Il-gruppi soċjali u r-rwol tagħhom fis-soċjetà.

**25 marka**